MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 254/2014

**Paul FARRUGIA u martu Lorenza FARRUGIA**

**Vs**

**Godfrey CALLEJA u martu Mary Victoria CALLEJA u b'digriet datat 5 ta' Gunju, 2014 gie kjamat in kawza Ayad MAJOEDDIN**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-15 ta' April, 2014** u li permezz taghha talbu lill-intimati ihallasuhom is-somma ta' hames mija u tmenin euro [€580] u dan wara li ppremettew hekk:

"Illi l-esponenti kienu krew *cherry picker* lill-intimati sabiex huma jkunu jistghu jiksu l-faccata tal-fond taghhom, ossia Godmar, Triq

Agatha Barbara, Haz-Zabbar u dan ghas-somma ta’ hames mija u tmenin Euro (€580).

Illi b’mod abbusiv u illegali l-intimati qeghdin jirrifjutaw illi jhallsu s-somma ta’ €580 rapprezentanti kera ta’ *cherry picker* mikri lilhom mill-esponenti, u dan minkejja li gew interpellati permezz tal-ittra bonarja tal-14 ta’ Marzu, 2014.

Illi ghalhekk kellhom jigu intavolati dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiddikjara illi l-intimati huma debituri tal-esponenti fis-somma ta’ €580 rapprezentanti kera ta’ *cherry picker* mikri lilhom mill-esponenti u jikkundannhom sabiex ihallsu l-istess somma dovuta, oltre l-imghax legali.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fil-5 ta’ Mejju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba rikorrenti:

“Illi l-konvenuti mhumiex il-legittimi kontraditturi u dan peress li huma qatt ma krew cherry picker minghand l-atturi.

Illi fil-fatt l-atturi stess jafu li dan ic-cherry picker inkera minn terza persuna, ismu mhux maghruf u dan peress li kien hu stess, fil-presenza tal-atturi u l-konvenuti, li ftiehem dwar il-prezz u l-modalita tal-hlas.

Illi milli jidher l-atturi ma thallsux u qed jippretendu li jithallsu mill-konvenuti li huma kompletament estranei kemm tal-kirja kif ukoll il-hlas dovut".

Ra li **l-kjamat fil-kawza** gie debitament notifikat fit-12 ta' Gunju 2014 u li dan baqa ma deherx ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal.

Ra l-verbal datat 2 ta' Ottubru 2014 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand l-intimati l-hlas tas-somma ta' hames mija u tmenin euro (€580) u dan bhala kera ta' *cherry picker* proprjeta ta' l-istess rikorrenti. Skond ir-rikorrenti, l-intimati konjugi Calleja kienu krew dan ic-*cherry picker* sabiex ikunu jistghu jiksu l-faccata tad-dar taghhom f'Haz-Zabbar. L-intimati qeghdin jirrifjutaw li jhallsu l-kera ghal dan ic-*cherry picker* peress li huma ma humiex il-legittimi kontradditturi u dan peress li skond huma qatt ma krew dan ic-*cherry picker* minghand ir-rikorrenti. Ziedu jghidu li dan ic-*cherry picker* kien inkera minn terza persuna – u cioe l-kjamat fil-kawza Ayad Majoeddin – u li kien dan li kien ftiehem dwar il-prezz u l-modalita tal-hlas ghall-istess *cherry picker*.

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti** xehed fis-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014. Huwa qal li ghandu *cherry picker* u li jikrih lin-nies ghax-xogholijiet li huma jkollhom bzonn. Ir-rikorrenti qal li l-intimat mar fuqu u talbu biex jikrilu c-*cherry picker* u dan sabiex ikun jista jiksi faccata li kien qieghed jahdem fuqha. Kompla qal li huma ftehmu prezz ta' €70 ghal kull jum ta' uzu. Dan ic-*cherry picker* dam ghandu tmient' ijiem shah. Kien l-intimat Calleja li mar ghac-*cherry picker*. Ir-rikorrenti qal li lill-kjamat fil-kawza huwa qatt ma rah u l-ewwel darba li rah kien "*...dak-in-nhar meta l-intimat beda jaghmel xoghol fuq il-faccata li kien qieghed jahdem fuqha*" (fol. 17). Qal ukoll li x-xoghol ta' kisi tal-faccata sar mill-lavrant tal-kjamat in kawza. Ir-rikorrenti sahaq li l-ftehim sar mal-intimat Calleja u ma hadd izjed. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti qal li "*... meta l-intimat kien gie ghandi biex jiehu c-cherry picker ma kienx qalli illi qieghed jiehdu ghal haddiehor izda qalli li kien qieghed jiehdu ghalih personali.*" (fol. 18). Meta c-*cherry picker* gie ritornat, kien il-lavrant tal-kjamat in kawza li rritornah. Wara li kienet ghaddiet gimgha, r-rikorrenti mar jitlob il-hlas lill-intimat u kien f'dan il-mument li huwa infurmah li ma kellhu x'jaqsam xejn mal-hlas. L-intimat, kompla jghid ir-rikorrenti, kien qallu li peress li kien hadem bic-*cherry picker* il-kjamat fil-kawza allura huwa kellhu jfittex lilu. Meta r-rikorrenti mar ikellem lill-kjamat fil-kawza, dan ta' l-ahhar infurmah li huwa ma kien jafu l-ebda hlas. L-ghada r-rikorrenti reggha mar ikellem lill-kjamat fil-kawza flimkien ma l-intimat sabiex jitolbu l-hlas u l-kjamat fil-kawza infurmah li huwa ma kienx jaf lil intimat.

   In kontro-ezami r-rikorrenti qabel mal-fatt li meta l-intimat kien mar l-ewwel darba ghandu biex jikri c-*cherry picker* mieghu kien hemm il-kjamat fil-kawza. Qal li minkejja dan, il-"*prezz tal-kera tac-cherry picker jiena ftehmtu direttament mal-intimat. Il-kjamat fil-kawza ma tkellem xejn*" (fol. 18). Pero, sostna r-rikorrenti, l-intimat "*lili kien qalli wkoll illi dan ic-cherry picker kien ser juzah il-kjamat fil-kawza*" (fol. 18).

3. **L-intimat** xehed u qal li huwa kien inkariga lill-kjamat in kawza sabiex jaghmillu xi xoghol fuq il-faccata tad-dar tieghu. Mal-kjamat in kawza

kien hemm siehbu li effettivament ghamel ix-xogholijiet in kwistjoni. Meta bdew ix-xogholijiet fuq il-faccata tal-intimati kien qieghed jintuza *cherry picker* iehor u l-prezz tal-kisi tal-faccata kien jinkludi allura anke dan l-uzu. Dan ic-*cherry picker* pero ghal xi raguni jew ohra gratlu l-hsara u ma baqax tajjeb biex jintuza. Kien hawn li l-kjamat fil-kawza, kompla jghid l-intimat, li huwa kien ra c-*cherry picker* tar-rikorrenti u flimkien mieghu marru jkellmuh. L-intimat jishaqq li huwa kien semgha lir-rikorrenti "*... jghidlu illi huwa kien lest li jikrihulu basta li dan ihallsu. Naf illi l-kjamat fil-kawza u r-rikorrenti kienu sahansitra ftehmu fuq il-prezz ta' kuljum*" (fol. 20). In kontro-ezami, l-intimat sahaq li ghalkemm huwa kien prezenti, huwa ma nvolva ruhhu xejn fin-negozjati li saru bejn ir-rikorrenti u l-kjamat fil-kawza.

L-intimat qal li meta r-rikorrenti kien mar ghandu biex jitolbu ghal hlas tac-*cherry picker* huwa kien diga hallas lill-kjamat fil-kawza ghax-xoghol ta' tikhil li sar fil-faccata tad-dar tieghu. Qal ukoll li meta r-rikorrenti kien mar ghandu biex jitolbu l-hlas tal-kera ta' dan ic-*cherry picker*, huwa kien infurmah li hu ma kienx responsabbli ghal hlas izda kien hekk responsabbli l-kjamat fil-kawza u fil-fatt baghtu ghandu. L-intimat xehed illi huwa kien mar-rikorrenti f'zewg okkazzjonijiet sabiex dan ta' l-ahhar jitlob il-pagament ghall-kera tac-*cherry picker* minghand il-kjamat fil-kawza u li f'wahda minn dawn l-okkazzjonijiet, "*... il-kjamat fil-kawza kien qallu meta jkolli naghtihomlok*" (fol. 20). L-intimat qal ukoll li recentement huwa kien kellem lill-kjamat fil-kawza u dan infurmah li huwa kien ghadda s-somma ta' tlett mija u sittin euro (€360) lir-rikorrenti. Meta r-rikorrenti gie mistoqsi mit-Tribunal fuq dan il-punt, huwa cahad dan il-fatt.

L-intimat xehed li l-prezz li kien zammlu l-kjamat fil-kawza ghal kisi tal-faccata tad-dar tieghu kien jinkludi kollox.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi mhux kontestat li l-intimat u l-kjamat fil-kawza uzaw ic-*cherry picker* proprjeta tar-rikorrenti u dan sabiex tkun tista tinkesa l-faccata tad-dar ta' l-intimati. Filwaqt li l-intimat ighid li kien il-kjamat fil-kawza li ftiehem mar-rikorrenti ghal kiri u uzu ta' dan ic-*cherry picker* ir-rikorrenti jghid li

huwa kkuntratta ma l-intimat u hadd izjed. Il-kwistjoni hija dwar min minn dawn it-tnejn ghandu jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti ghal dan l-uzu. Fil-fehma tat-Tribunal, u mill-provi prodotti, jirrizulta li kien l-intimat li kkuntratta dan il-ftehim mar-rikorrenti. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u cioe li huma ma humiex il-legittimi kontradittturi sejra tigi michuda. Huwa minnu li l-kjamat fil-kawza mar ghal darba darbtejn ghand il-kjamat fil-kawza sabiex jithallas pero dan ma ghamlux ghax il-ftehim kien sar mal-kjamat in kawza izda sar semplicement sabiex huwa jkun jista jigbor flusu. Xorta wahda jibqa l-fatt li l-ftehim sar ma' l-intimat. Ix-xhieda tar-rikorrenti f'dan ir-rigward hija aktar kredibbli u t-Tribunal ma giex muri l-ghala huwa ma ghandux jemmen il-verzjoni moghtija mir-rikorrenti f'dan ir-rigward. L-arrangament li kien sar u li kien gie miftiehem bejn l-intimat u l-kjamat fil-kawza huma res inter alios acta ghar-rikorrenti. Fuq kollox ukoll, ic-*cherry picker* intuza a beneficcju tal-proprjeta tal-intimat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:

1. Jichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati;

2. Jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati in kwantu dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz;

3. Jichad it-talba tar-rikorrenti fil-konfront tal-kjamat fil-kawza stante li ma jirrizultax li kien sar xi ftehim bejn ir-rikorrenti u dan dwar il-kiri tac-*cherry picker* proprjeta tar-rikorrenti. Jibqa riservat id-dritt ta' l-intimati fil-konfront tal-kjamat in kawza li jfittxuh si et quatenus.

4. Konsegwentement jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti fil-konfront biss ta' l-intimati konjugi Calleja u konsegwentement jikkundannahom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' hames mija u tmenin euro (€580) bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew

jiddekorru mid-data tal-prezentata ta’ din it-Talba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu kollha a kariku ta’ l-intimati konjugi Calleja.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------